



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.4.2015
COM(2015) 166 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tinnomina l-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2019 fil-Bulgarija u fl-Italja

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi azzjoni Komunitarja għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin mill-2007 sal-2019¹ tistipula l-proċedura tan-nomina tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura. Skont l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni, mill-2009 'l quddiem, żewġt ibliet ta' żewġ Stati Membri se jiġu nnominati bħala l-Kapitali Ewropej tal-Kultura għal kull sena, fl-ordni kronoloġika stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni. Il-Bulgarija u l-Italja huma intitolati li jospitaw l-avveniment fl-2019.

In-nomina għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura għall-2019 fil-Bulgarija u fl-Italja ġiet sottomessa għall-proċess li ġej.

Kull Stat Membru kkonċernat joħroġ sejħa biex jitressqu applikazzjonijiet tal-anqas sitt snin qabel l-avveniment. Bord tal-għażla magħmul minn 13-il espert indipendenti fis-settur kulturali jiltaqa' għal laqgħa ta' preselezzjoni mhux aktar tard minn ħames snin qabel l-avveniment. Dan il-bord tal-għażla jivvaluta l-applikazzjonijiet imressqa skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE, u jaqbel dwar lista qasira ta' bliet kandidati li jridu jibqgħu jitqiesu wara li jlestu l-applikazzjoni tagħhom.

Kull Stat Membru kkonċernat ilaqqqa' l-bord għall-għażla finali, disa' xhur wara l-laqgħa ta' preselezzjoni. Wara valutazzjoni estensiva tal-bliet magħżula minn qabel, ibbażata fuq il-kriterji stipulati għall-azzjoni, il-bord jirrakkomanda belt waħda għat-titlu f'kull Stat Membru kkonċernat.

Abbażi ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, kull Stat Membru jinnomina belt waħda biex tkun il-Kapitali Ewropea tal-Kultura, u jinnotifika lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tar-Regġuni sa mhux aktar tard minn erba' snin qabel ma jibda l-avveniment.

Il-Parlament Ewropew jista' jibgħat opinjoni lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jaslu n-nomini.

Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, jaħtar uffiċjalment il-bliet inkwistjoni għas-sena li għaliha jkunu ġew innominati.

Wara li tlestew iż-żewġ fażijiet tal-kompetizzjoni deskritti hawn fuq, il-bord irrakkomanda, fir-rapporti rispettivi tiegħu ta' Ottubru 2014 u Novembru 2014, li Plovdiv (il-Bulgarija) u Matera (l-Italja) jospitaw l-avveniment fl-2019. Il-Bulgarija u l-Italja bagħtu notifika tal-ħatra tagħhom lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tar-Regġuni, rispettivament f'Diċembru 2014 u Frar 2015.

Il-Parlament Ewropew bagħat l-opinjoni pożittiva tiegħu lill-Kummissjoni f'Marzu 2015.

Konsegwentament, il-Kummissjoni, b'konformità mal-Artikolu 9(3) tad-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE, qiegħda tressaq lill-Kunsill ir-rakkomandazzjoni mehmuża għall-ħatra uffiċjali ta' Plovdiv u Matera għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2019 rispettivament fil-Bulgarija u fl-Italja.

¹ ĠU L 304, 3.11.2006, p. 1.

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tinnomina l-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2019 fil-Bulgarija u fl-Italja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi azzjoni Komunitarja għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin mill-2007 sal-2019², u b'mod partikolari l-Artikolu 9(3) tagħha,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-rapporti tal-Bord tal-Għażla ta' Ottubru u Novembru 2014 dwar il-proċess tal-għażla tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura fil-Bulgarija u fl-Italja,

Billi:

Filwaqt li jqis li l-kriterji msemmija fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE ntlaħqu kollha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-belt ta' Leeuwarden hija maħtura bħala l-“Kapitali Ewropea tal-Kultura 2019” fil-Bulgarija u fl-Italja.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

² ĠU L 304, 3.11.2006, p. 1.